

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Kwistjonijiet Tal-familja U Wirt](#) > [Manteniment Tal-familja](#) > Romania

# Manteniment tal-familja

 Rumanija

Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network  
(in civil and commercial matters)

## 1 X'ifissru l-kunċetti "manteniment" u "obbligu ta' manteniment" f'termini prattiċi? Liema persuni għandhom iħallsu allowance għall-manteniment lil persuna oħra?

L-obbligu legali għall-għoti ta' manteniment huwa r-rekwiżit impost mil-liġi biex persuna tipprovdi lil persuna oħra bil-mezzi neċessarji ta' sussistenza, inkluż għas-sodisfazzjon ta' bżonnijiet spiritwali, u, fil-każ tal-obbligi ta' manteniment mill-ġenituri lejn uliedhom li jkunu taħt l-età, il-mezzi meħtieġa għat-trobbija, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali tagħhom.

Jeżisti l-obbligu ta' manteniment bejn il-miżżewġin, il-qraba fil-linja diretta, l-aħwa u ċerti persuni oħrajn speċifikati mil-liġi (l-Artikolu 516 tal-Kodiċi Ċivili Rumani).

Hemm ukoll l-obbligu ta' manteniment bejn l-eks konjuġi (l-Artikolu 398 tal-Kodiċi Ċivili). Dan ma għandux jitħawwad ma' benefiċċju ta' kumpens jew tad-danni.

Konjuġi li jkun ikkontribwixxa għall-manteniment tat-tfal tal-konjuġi l-ieħor ikollu l-obbligu li jipprovdi l-manteniment għat-tfal sakemm dawk it-tfal ikunu taħt l-età, imma biss f'każ li l-ġenituri naturali tagħhom ikunu mietu, nieqsa jew fil-bżonn (l-Artikolu 517(1) tal-Kodiċi Ċivili). Min-naħa tagħhom, it-tfal jistgħu jkunu obbligati jipprovdu l-manteniment lill-persuna li tkun ipprovditilhom dan il-manteniment għal 10 snin (l-Artikolu 517(2) tal-Kodiċi Ċivili).

Il-werrieta ta' persuna li tkun obbligata tmantni lil persuna taħt l-età jew li tkun ipprovdiet il-manteniment mingħajr ma kellha l-ebda obbligu legali biex tagħmel hekk, huma obbligati jkomplu jiprovdu l-manteniment, skont il-valur tal-beni li jirtu, f'każ li l-ġenituri tal-persuna taħt l-età jkunu mietu, nieqsa jew fil-bżonn, imma biss sakemm il-persuna li qed tirċievi l-manteniment tkun taħt l-età.

## 2 Sa liema età jista' tifel jibbenefika minn allowance għall-manteniment? Hemm regoli differenti għall-manteniment għall-minorenni u għall-adulti?

L-obbligu ta' manteniment bejn il-ġenituri u t-tfal huwa rregolat mill-Artikoli 499 u 525 tal-Kodiċi Ċivili. Persuni taħt l-età li jitolbu l-manteniment mingħand il-ġenituri tagħhom jitqiesu bħala fil-bżonn jekk ma jkunux jistgħu jmantnu ruħhom fuq bażi ta' xogħolhom, anke jekk ikollhom il-beni. Madankollu, meta l-ġenituri ma jkunux f'pożizzjoni li jiprovdu l-manteniment mingħajr ma jipperikolaw l-għajxien tagħhom, il-qorti tal-familja tista' taqbel li l-manteniment jiġi pprovdut permezz tal-bejgħ tal-beni tat-tfal, flief għal dak li jkun strettament essenzjali.

Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jmantnu lil wild li jilħaq l-età maġġuri (18-il sena) iżda li jkompli bl-istudji tiegħu, sakemm jispiċċa dawk l-istudji, imma mhux wara li jkunu għalaq is-26 sena.

### 3 Għandi napplika għand awtorita kompetenti jew qorti biex nikseb manteniment? X'inhuma l-elementi ewlenin ta' din il-proċedura?

Ir-rikorrent kreditur irid jiftaħ il-kawża fil-qorti li jkollha l-ġurisdizzjoni fil-post tal-indirizz permanenti tiegħu jew f'dik tad-debitur intimat. It-talba għall-manteniment tista' ssir jew separatament jew fil-proċedimenti għad-divorzju, għad-determinazzjoni tal-paternità, għall-eżerċizzju tal-awtorità tal-ġenituri fuq tfal taħt l-età jew għad-determinazzjoni tar-residenza ta' persuna taħt l-età. Il-qorti tista' tordna miżuri *interim*, b'ordni tal-president ta' dik il-qorti, li jkunu validi biss sakemm tittieħed deċiżjoni rigward il-proċedimenti sostantivi. Il-proċedimenti tal-ewwel istanza fihom bosta stadji. Fl-istadju bil-miktub, jiġu ppreżentati t-talba, id-difiża u l-kontrotalba; jistgħu jiġu ordnati miżuri kawtelatorji bħal qbid jew sekwestru; u l-partijiet jiħarrku u jintbagħtulhom id-dokumenti proċedurali. L-istadju orali jinkludi s-smiġħ, u f'dan l-istadju jistgħu jitqajmu eċċezzjonijiet proċedurali u jinġabru l-provi. Dan ikun segwit mill-istadju ta' deliberazzjoni u mill-għoti tad-deċiżjoni mill-qorti.

F'każ ta' divorzju kunsenswali, li jista' jiġi ddikjarat minn nutar pubbliku, il-miżżewġin jistgħu jaqblu dwar il-kwistjonijiet anċillari kollha tad-divorzju, inkluża d-determinazzjoni tal-kontribuzzjoni ta' kull ġenitur lejn l-ispejjeż tat-trobbija, l-edukazzjoni, l-istudji jew it-taħriġ vokazzjonali tat-tfal.

### 4 Tista ssir talba f'isem qarib (jekk iva, liema grad), jew minorenni?

Fil-prinċipju, il-partijiet involuti fil-proċedimenti tal-pensjoni tal-manteniment jistgħu jkunu rappreżentati. Madankollu, meta tiġi ppreżentata talba għal manteniment flimkien mal-proċedimenti għal divorzju, il-miżżewġin jistgħu jkunu rrappreżentati fit-talba għal divorzju biss f'ċerti każijiet previsti b'mod speċifiku fl-Artikolu 921 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili.

Meta tiġi ppreżentata talba separata għad-determinazzjoni jew għaż-żieda/għat-tnaqqis tal-pensjoni tal-manteniment, il-partijiet jistgħu jkunu rappreżentati bil-mod konvenzjonali minn avukat jew minn rappreżentant ieħor; meta r-rappreżentant ma jkunx avukat, ma jkunx jista' jippreżenta l-argumenti orali tal-għeluq fil-proċess. Il-persuna taħt l-età tkun rappreżentata mir-rappreżentant legali tagħha (ġenitur jew, b'mod eċċezzjonali, persuna oħra li teżerċita l-awtorità tal-ġenituri). Talba fir-rigward ta' wild ta' età maġġuri tiġi ppreżentata minn dak il-wild personalment.

### 5 Jekk qed naħseb biex inressaq il-każ quddiem il-qorti, kif inkun naf liema qorti għandha l-ġurisdizzjoni?

Il-qorti bil-ġurisdizzjoni territorjali (għall-post tar-residenza jew tad-debitur intimat jew tar-rikorrent kreditur) tista' tkun iddeterminata b'referenza għall-atlas ġudizzjarju Rumen, li huwa ppubblikat fis-sit web tal-Ministeru għall-Ġustizzja fil-portal tal-qrati: <http://portal.just.ro/SitePages/acasa.aspx>.

### 6 Bħala applikant, neħtieġ intermedjarju biex inressaq il-każ quddiem il-qorti (pereżempju avukat, awtorità ċentrali jew lokali, eċċ.)? Jekk le, liema proċeduri japplikaw?

Le, għax mhux obligatorju li r-rikorrent ikun irrappreżentat jew assistit minn avukat.

### 7 Irrid inħallas xi miżati biex inressaq il-każ quddiem il-qorti? Jekk iva, kemm jistgħu jtitilgħu? Jekk ma jkollix biżżejjed mezzi finanzjarji, nista' ningħata għajnuna legali li tkopri l-ispejjeż tal-proċedura?

Talbiet għad-determinazzjoni jew għall-modifikazzjoni tal-pensjoni tal-manteniment huma soġġetti għal ħlas ta' RON 20, f'konformità mal-Artikolu 15(e) tal-Ordni ta' Emerġenza tal-Gvern Nru 80/2013 dwar it-taxxi tal-boll ġudizzjarji. Ir-rappreżentanza minn avukat ma hijiex obligatorja. Jekk il-parti kkonċernata ma jkollhiex introjtu suffiċjenti, hija tista' titlob li l-għajnuna legali tkopri t-tariffi tal-avukat jew spejjeż oħra tal-proċess.

## 8 X'tip ta' manteniment x'aktarx tagħti l-qorti? Kif jiġi kkalkulat l-ammont tal-manteniment? Id-deċiżjoni tal-qorti tista' tiġi riveduta jekk jinbidlu l-għoli tal-ħajja jew iċ-ċirkustanzi familjari? Jekk iva, kif (pereżempju permezz ta' sistema tal-indiċjar awtomatiku)?

Il-manteniment jingħata skont il-bżonnijiet tar-rikorrent u l-mezzi tal-persuna li għandha tħallsu. Fil-prinċipju, il-manteniment jingħata *in natura*, sabiex jiġu żgurati l-mezzi neċessarji ta' sussistenza. Fil-parti l-kbira tal-każijiet, madankollu, il-qorti fil-prattika jistabbilixxu l-pensjoni tal-manteniment f'termini ta' flus, jew bħala ammont fiss jew bħala perċentwal tal-introjtu mensili tad-debitur. (L-Artikolu 530 tal-Kodiċi Ċivili). Bil-liġi, il-pensjoni tal-manteniment espressa bħala ammont fiss tiġi aġġustata għall-inflazzjoni fuq bażi trimestrali.

Meta l-manteniment ikun dovut minn ġenitur, jista' jammonta għal sa kwart l-introjtu nett fix-xahar ta' dak il-ġenitur għal wild wieħed, terz għal żewġ ulied u nofs għal tliet ulied jew iktar. Skont il-liġi, l-ammont ta' manteniment dovut lit-tfal flimkien ma' kull manteniment dovut lil persuni oħrajn, ma jistax jaqbeż nofs l-introjtu nett fix-xahar tal-persuna responsabbli (l-Artikolu 529 tal-Kodiċi Ċivili).

Meta jkun hemm kwalunkwe bidla fil-mezzi tal-persuna li qed tipprovdni l-manteniment jew il-bżonnijiet tal-persuna li tkun qed tirċevih, il-qorti tal-familja tista', f'kawża ġdida, iżżid jew tnaqqas il-pensjoni tal-manteniment jew tordna li l-ħlas jintemm, kif xieraq (l-Artikolu 531 tal-Kodiċi Ċivili).

## 9 Kif jitħallas il-manteniment u lil min?

L-obbligu tal-manteniment jingħata *in natura*, sabiex jiġu pprovduti l-mezzi ta' sussistenza kollha u, meta jkun xieraq, ikopri l-ispejjeż tat-trobbija, tal-edukazzjoni, tat-taħriġ vokazzjonali jew tal-istudji (l-Artikolu 530 tal-Kodiċi Ċivili). Jekk l-obbligu ta' manteniment ma jiġix issodisfat b'mod volontarju, *in natura*, il-qorti tal-familja tordna li dan jitħallas bħala pensjoni tal-manteniment fil-forma ta' flus. Il-pensjoni tal-manteniment tista' tiġi ddeterminata jew bħala ammont fiss jew bħala perċentwal tal-introjtu nett fix-xahar tal-persuna obligata li tipprovdni l-manteniment.

Il-pensjoni tal-manteniment titħallas b'mod regolari kultant żmien fid-dati maqbulin bejn il-partijiet jew, f'każ ta' nuqqas ta' qbil, fid-dati ddeterminati mid-deċiżjoni tal-qorti. Il-partijiet jistgħu jaqblu jew, jekk ikun hemm raġunijiet validi sabiex tagħmel hekk, il-qorti tal-familja tista' tiddeċiedi, li l-pensjoni tal-manteniment titħallas bil-quddiem bħala somma f'daqqa li tkopri l-ħtiġijiet ta' manteniment tal-persuna intitolata għall-manteniment għal perjodu ta' żmien itwal jew għall-perjodu kollu li l-manteniment ikun dovut matulu, dment li d-debitur li jkollu jagħti l-manteniment ikollu l-mezzi meħtieġa sabiex jissodisfa dan l-obbligu (l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Ċivili).

Il-pensjoni tal-manteniment stabbilita għal minuri titħallas lir-rappreżentant legali tiegħu.

## 10 Jekk il persuna kkonċernata (id-debitur) ma tħallasx volontarjament, x'azzjoni tista' tittieħed biex tkun imġiegħla tħallas?

Peress li fil-parti l-kbira tal-każijiet il-pensjoni tal-manteniment tiġi stabbilita f'termini ta' flus, l-iktar metodu frekwenti ta' eżekuzzjoni huwa sekwestru tas-salarju (l-introjtu mensili). Il-bejgħ ġudizzjarju tal-beni mobbli u immobbli tad-debitur huwa inqas frekwenti bħala metodu ta' eżekuzzjoni.

## 11 Jekk jogħġbok iddeskrivi fil-qosor kwalunkwe limitazzjonijiet fl-infurzar, b'mod partikulari regoli għall-protezzjoni tad-debitur u limitazzjoni jew perjodi ta' preskrizzjoni fis-sistema tal-infurzar tiegħek

Fir-rigward tal-irkupru tal-manteniment, l-Artikolu 729 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili jipprevedi li huwa biss sa nofs l-introjtu regolari nett fix-xahar tad-debitur li jista' jkun soġġett għal eżekuzzjoni tal-ammonti dovuti bħala manteniment. Jekk ikun hemm bosta proċeduri ta' rkupru li jinvolvu l-istess ammont, l-ammont effettivament rekuperabbli ma jkunx jista' jaqbeż nofs l-introjtu nett fix-xahar tad-debitur, irrISPETTIVAMENT min-natura tat-talbiet.

Meta kreditur jippreżenta simultanament rikorsi għall-qbid ta' bosta beni mobbli jew immobbli li l-valur tagħhom jaqbeż b'mod ċar l-ammont pretiż, il-qorti tal-eżekuzzjoni tista' tillimita l-eżekuzzjoni għal ċerti beni (l-Artikolu 702 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili).

L-eżekuzzjoni ta' rkupru għandha tintemm, pereżempju, meta l-obbligu stipulat fit-titolu eżekuttiv ikun ġie ssodisfat bis-sħiħ u t-tariffi għall-eżekuzzjoni jkunu tħallsu; meta eżekuzzjoni ma tkunx tista' ssir jew titkompla minħabba nuqqas ta' beni li jistgħu jinqabdu jew minħabba l-impossibilità li daww il-beni jinbiegħu; jew meta l-eżekuzzjoni tkun ġiet annullata (l-Artikolu 703 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili).

Il-jedd għall-ksib ta' eżekuzzjoni huwa soġġett għal perjodu ta' tliet snin. Appell kontra rkupru eżegwit jista' jitressaq fil-qorti tal-eżekuzzjoni. Il-qorti kompetenti tista' tissospendi l-eżekuzzjoni sakemm tittieħed deċiżjoni dwar l-appell (l-Artikolu 719 *et seq.* tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili).

Meta t-titolu eżekuttiv jew l-eżekuzzjoni nnifisha tkun ġiet annullata, il-parti kkonċernata tkun intitolata treġġa' lura l-eżekuzzjoni sabiex treġġa' lura s-sitwazzjoni għal kif kienet qabel (l-Artikolu 724 *et seq.* tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili).

## 12 Teżisti organizzazzjoni jew awtorità li tista' tgħini nirkupra l-manteniment?

Mhux applikabbli.

## 13 Jistgħu l-organizzazzjonijiet (statali jew privati) iħallsu kompletament jew parzjalment il-manteniment f'isem id-debitur?

Mhux applikabbli.

## 14 Jekk ninsab f'dan l-Istat Membru u d-debitur għandu r-residenza tiegħu f'pajjiż ieħor:

### 14.1 Nista' nikseb assistenza ta' awtorità jew organizzazzjoni privata f'dan l-Istat Membru?

Skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4/2009, il-Konvenzjoni ta' The Hague tal-2007 jew il-Konvenzjoni ta' New York tal-1956, ir-rikorrent jista' jressaq it-talba tiegħu għal manteniment permezz tal-Ministeru għall-Ġustizzja Rumien jekk id-debitur ikun jirrisjedi fi Stat Membru tal-UE li huwa parti kontraenti tal-Konvenzjoni ta' The Hague tal-2007 jew tal-Konvenzjoni ta' New York tal-1956.

### 14.2 Jekk iva, kif nista' nikkuntattja lill-awtorità jew l-organizzazzjoni privata?

Romanian Ministry of Justice

Strada Apolodor 17, Sector 5, Bucharest 050741

Id-Direttorat għad-Dritt Internazzjonali u l-Kooperazzjoni Ġudizzjarja (*Directia Drept Internațional și Cooperare Judiciară*)

Faks +40372041079 jew +40372041084, email [ddit@just.ro](mailto:ddit@just.ro)

## 15 Jekk ninsab f'pajjiż ieħor u d-debitur jinsab f'dan l-Istat Membru:

### 15.1 Nista' nibgħat talba direttament lil tali awtorità jew organizzazzjoni privata f'dan l-Istat Membru?

Le; ir-rikorrent irid jikkuntattja lill-Awtorità Ċentrali trażmetttriċi f'pajjiżu, deżinjata skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4/2009, il-Konvenzjoni ta' The Hague tal-2007 jew il-Konvenzjoni ta' New York tal-1956.

L-Awtorità Ċentrali trażmetttriċi tal-pajjiż debitur tista' sussegwentement tikkuntattja lill-Awtorità Ċentrali

riċevitriċi Rumena:

- il-Ministeru għall-Ġustizzja Rumena, għat-talbiet ippreżentati skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4/2009 u l-Konvenzjoni tal-Aja tal-2007, jew
- il-Kamra tal-Avukati ta' Bucharest (*Baroul București*), għal talbiet ippreżentati skont il-Konvenzjoni ta' New York tal-1956.

Imbagħad it-talba tingħadda lill-qorti kompetenti.

Debitur li jkun barra l-pajjiż jista' jindirizza t-talba tiegħu direttament, personalment jew permezz ta' avukat, lill-qorti Rumena li jkollha l-ġuriżdizzjoni fil-post tad-domiċilju tal-intimat jew tad-debitur.

15.2 Jekk iva, kif nista' nikkuntattja lil dik l-awtorità jew organizzazzjoni privata u x'tip ta' assistenza nista' nikseb?

Rikorrent debitur li jkun barra l-pajjiż jista' jindirizza t-talba tiegħu direttament, personalment jew permezz ta' avukat, lill-qorti Rumena li jkollha l-ġuriżdizzjoni fil-post tad-domiċilju tal-intimat jew tad-debitur. Id-dettalji ta' kuntatt tal-qorti Rumena kompetenti jinsabu fil-portal tal-qorti <https://portal.just.ro/SitePages/acasa.aspx> fuq il-bażi tal-post tad-domiċilju tal-intimat jew tad-debitur.

## 16 Dan l-Istat Membru huwa marbut bil-Protokoll tal-Aja tal-2007?

Iva; skont l-Artikolu 2612 tal-Kodiċi Ċivili Rumena, il-liġi applikabbli għall-obbligi ta' manteniment tiġi ddeterminata skont id-dritt tal-Unjoni Ewropea, jiġifieri skont il-Protokoll ta' The Hague tat-23 ta' Novembru 2007 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligi ta' manteniment.

17 Jekk dan l-Istat Membru mhuwiex marbut bil-Protokoll tal-Aja tal-2007, liema liġi tkun applikabbli għat-talba għal manteniment skont ir-regoli tal-liġi internazzjonali privata tiegħu? X'inhuma r-regoli tal-liġi internazzjonali privata korrispondenti?

Mhux applikabbli.

18 X'inhuma r-regoli fuq l-aċċess għall-ġustizzja f'każijiet transfruntiera fl-UE li jsegwu l-istruttura tal-Kapitolu V tar-Regolament dwar il-Manteniment?

*Skont il-Liġi Nru 36/2012 dwar ċerti miżuri neċessarji għall-applikazzjoni ta' ċerti regoli u deċiżjonijiet tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-istrumenti tad-dritt internazzjonali privat fil-qasam tal-obbligi ta' manteniment, wara li jirċievi talba għal manteniment jew għal miżuri speċifiċi, il-Ministeru għall-Ġustizzja jgħaddiha lill-awtorità jew korps kompetenti li jkollu d-data personali, lill-kamra tal-avukati lokali kompetenti, lill-Kamra tal-Uffiċjali Ġudizzjarji tal-Eżekuzzjoni jew, meta jkun applikabbli, lill-qorti kompetenti sabiex tiġi ttrattata.*

Is-segweni għandhom ikunu intitolati għal għajjuna legali kompluta għat-talbiet li jsiru permezz tal-Awtorità Ċentrali skont il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 46 tar-Regolament: kredituri ta' manteniment taħt it-18-il sena jew li jkomplu bl-istudji tagħhom, iżda li jkunu għadhom ma qabżux il-21 sena; kredituri ta' manteniment li jkunu persuni vulnerabbli.

Il-Ministeru għall-Ġustizzja jibgħat it-talbiet li jirċievi minn barra direttament lill-kamra tal-avukati lokali kompetenti. Id-dekan tal-kamra tal-avukati jieħu deċiżjoni obligatorja u *ex officio* b'urġenza sabiex iqabba avukat. L-avukat imqabba jitleb li tingħata l-għajjuna legali, inkluż fil-forma ta' nlas tat-tariffi tal-uffiċjal tal-eżekuzzjoni ġudizzjarja.

Imbagħad, wara l-ksib ta' titolu eżekuttiv, l-avukat imqabba jitleb lill-qorti biex tingħata l-għajjuna legali fil-forma ta' nlas tat-tariffa tal-uffiċjal tal-eżekuzzjoni ġudizzjarja. L-avukat jibgħat it-talba ta' rkupru, it-titolu eżekuttiv u d-deċiżjoni tad-dekan tal-kamra tal-avukati lill-uffiċjal ta' eżekuzzjoni ġudizzjarja lokali kompetenti.

## 19 X'inhuma l-miżuri adottati minn dan l-Istat Membru sabiex jiżgura l-funzjonament tal-attivitajiet deskritti fl-Artikolu 51 tar-Regolament dwar il-Manteniment?

Ir-Rumanija adottat *il-Liġi Nru 36/2012 dwar ċerti miżuri meħtieġa għall-applikazzjoni ta' ċerti regoli u deċiżjonijiet tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-istrumenti tad-dritt internazzjonali privat fil-qasam tal-obbligi ta' manteniment.*

Il-Ministeru għall-Ġustizzja ġie nnominat bħala l-Awtorità Ċentrali trażmettitriċi, li tgħaddi t-talbiet stipulati fl-Artikoli 53 u 56 tar-Regolament. Malli jirċievi d-dokumenti ta' prova meħtieġa mingħand il-kreditur jew id-debitur, il-Ministeru għall-Ġustizzja jimla l-Parti A tat-talba u jista' jassisti lill-kreditur jew lid-debitur fil-mili tal-Parti B.

Il-Ministeru għall-Ġustizzja huwa l-Awtorità Ċentrali rikjesta nnominata biex tirċievi t-talbiet għal miżuri speċifiċi u għall-manteniment. Malli jirċievi t-talbiet, jibgħathom lill-awtorità jew korp kompetenti li jkollu d-data personali fil-pussess tiegħu, lill-kamra tal-avukati lokali kompetenti, lill-Kamra tal-Uffiċjali tal-Eżekuzzjoni Ġudizzjarja jew, meta applikabbli, lill-qorti kompetenti biex issolviha.

Din il-paġna web hija parti minn [Your Europe](#).

Napprezzaw il-[feedback](#) tiegħek dwar is-siwi tal-informazzjoni pprovduta.

---

■ L-aħħar aġġornament: 28/05/2026

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.